# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' MARZU 2001

Avviz Nru 1152/98DM

Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha George Zarb abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess George Zarb

vs

Dr Francesco Depasquale Ltd nominat b'digriet tas-7 ta' Lulju 1998 kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Leslie George Webley

1152/98DM

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenuti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni ta responsabbilta ta' l-imsemmi Leslie George Webley skond il-Ligi, jhallas lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm374.69), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur George Zarb, assigurat tas-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u thallas ukoll lill-attur George Zarb is-somma ta' tmintax-il Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm18.40) ammont rapprezentanti d-danni lill-attur kagunati bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) rapprezentanti excess payment, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Dicembru 1996 ghall-habta tas-12.45p.m. gewwa Great Siege road, kantuniera ma' the Mall, Floriana, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni I - 7567 (M), propjeta ta' l-attur George Zarb u l-vettura misjuqa mill-imsemmi Leslie George Webley bin-numru ta' registrazzjoni EAK 123, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non – osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Leslie George Webley.

Bl- ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' 22 Awissu 1997, u ta' l-ittra ufficjali intbaghatet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta Middle Sea Insurance Company Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' 22 Awissu 1997, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza il-konvenut ma giex irrintraccjat mill-kuratur li gie nominat biex jirrappresentah u ghalhekk ma setghax joffri d-deposizzjoni tieghu dwar kif sehh l-incident awtomobilisitiku.

Izda mill-provi prodotti mill-atturi, senjatament mill-isketch a fol. 18, il-Qorti hija sodisfatta li l-attur George Zarb kien digia qieghed jipprocedi fl-inkrocju meta l-konvenut Webley kien qed javvicina l-Stop Sign fuq il-karreggjata tieghu qabel ma jaqbad l-inkrocju.

Ghalhekk kien obbligu tal-istess konvenut li jieqaf, jesplora l-inkrocju u li jghati d-dritta lill-attur Zarb li kien digia qieghed jipprocedi fl-istess fetha. Izda jirrizultaw indizji bizzejjed biex jistabilixxu li l-konvenut ma ha ebda wahda mill-prekawzjonijiet dettati mil-lokal u c-cirkostanzi l-ohra tal-kaz.

Ghalhekk l-istess konvent Webley ghandhu jigi tenut risponsabbli unikament ghall-kollizzjoni ‘de quo’.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni, l-atturi pprovdew bizzejjed provi biex jiggustifikaw in-nefqa komplessiva ta LM418.09 biex gew riparati l-hsarat fil-vettura tal-attur Zarb u ghall-kiri ta vettura sostitutiva ghaz-zmien tar-riparazzjonijiet.

Ghaldaqstant tilqa t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta’ tlett mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u sittin centezmu (**Lm374.69**) u li jhallas lill-attur George Zarb is-somma komplessiva ta tlieta u erbghin lira maltin u erbghin centezmi (**LM43.40**), in linea ta danni li gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta’ Dicembru 1996 ghall-habta tas-12.45p.m. gewwa Great Siege road, kantuiera ma’ the Mall, Floriana, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni I - 7567 (M), propjeta ta’ l-attur George Zarb u l-vettura misjuqa mill-imsemmi Leslie George Webley bin-numru ta’ registrazzjoni EAK 123, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Leslie George Webley. Bl-imghax legali mit-3 ta Gunju 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…..............................................

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22